

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7777 — Solvay/Cytec)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 347/07)

1. Fit-13 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Solvay SA ("Solvay", il-Belġju) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Cytec Industries Inc. kollha kemm hi ("Cytec", l-Istati Uniti tal-Amerika).
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Solvay: riċerka, żvilupp, produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni u bejgħ ta' kimiċi u plastik, inklużi t-tħaffir fil-minjieri għall-kimiċi, globalment.
  - għal Cytec: il-forniment ta' kimiċi, materjali komposti u kolla għal firxa wiesgħa ta' industrij, bħall-industrija aerospazjali, l-agrikoltura, id-difiża u l-industrija tal-minjieri, globalment.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza Każ M.7777 — Solvay/Cytec, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").